

## PROCĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

### IL-KUMMISSJONI

#### Avviż ippubblikat skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 Każ 39.416 – Klassifikazzjoni tal-Bastimenti

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 131/13)

#### 1. DAĦLA

(1) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 <sup>(1)</sup>, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi – f'każijiet fejn ikun biħsiebha tadotta deċiżjoni li tirrikjedi li ksur jinġieb fit-tmiem u l-partijiet ikkonċernati joffru li jimpenjaw ruħhom li jindirizzaw it-tħassib espress lilhom mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni preliminari tagħha – li torbot lill-impriżi b'dawk l-impjenji. Deċiżjoni bħal din tista' tiġi adottata għal perjodu speċifiku u għandha tikkonkludi li m'għadx hemm aktar raġuni għal azzjoni mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 27(4) tal-istess Regolament, il-Kummissjoni għandha tippubblika sommarju konċiż tal-każ u l-kontenut prinċipali tal-impjenji. Il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw il-kummenti tagħhom fit-terminu stabbilit mill-Kummissjoni.

#### 2. SOMMARJU TAL-KAŻ

(2) F'Mejju 2009, il-Kummissjoni fetħet proċeduri u indirizzat valutazzjoni preliminari lill-Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Soċjetajiet ta' Klassifikazzjoni (International Association of Classification Societies) u lill-International Association of Classification Societies Limited (minn hawn 'il quddiem konġuntament imsejħa "IACS"). Din ikkonċernat id-deċiżjonijiet tal-IACS: (i) fuq il-kriterji u proċeduri li japplikaw għas-sħubija tal-IACS u s-sospensjoni jew l-irtirar tas-sħubija, u fuq il-mod kif dawn il-kriterji u proċeduri ġew applikati, u (ii) fuq l-elaborazzjoni u aċċessibilità tar-riżoluzzjonijiet u dokumenti ta' sfond tekniku relatati ma' dawn ir-riżoluzzjonijiet. Espremiet l-opinjoni preliminari li dawn id-deċiżjonijiet mill-IACS setgħu rriżultaw frestrizzjonijiet fuq il-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi ta' klassifikazzjoni ta' bastimenti. Billi l-fehma preliminari tal-Kummissjoni li l-għaxar membri tal-IACS għandhom pozzizzjoni qawwija fis-suq u li s-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni li mhumieq membri tal-IACS jistgħu jintlaqtu minn żvantaġġi sinifikanti fuq il-kompetizzjoni, il-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni kienet li dawn id-deċiżjonijiet għalhekk qajjmu tħassib dwar il-kompatibilità tagħhom mal-Artikolu 81 (1) tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. Barra minn hekk, l-opinjoni preliminari

tal-Kummissjoni kienet li dawn id-deċiżjonijiet ma dehrux li jissodisfaw ir-rekwiżiti kumulattivi għall-eżenzjoni taħt l-Artikolu 81(3) tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 53(3) tal-Ftehim taż-ŻEE.

(3) B'mod partikolari, il-valutazzjoni preliminari wriet it-tħassib li l-IACS setgħat naqset milli:

(a) iddaħħal fis-seħħ rekwiżiti li huma oġġettivi u li jidde-terminaw b'mod suffiċjenti biex jippermettilhom li jiġu applikati b'mod uniformi u mhux diskriminatorju kemm għall-aċċess, kif ukoll għas-sospensjoni u l-irtirar tas-sħubija fl-IACS;

(b) tapplika dawn ir-rekwiżiti b'mod xieraq, raġonevoli u mhux diskriminatorju (inkluż it-twaqqif ta' salvagwardji suffiċjenti għall-iżgurar ta' dan it-tip ta' applikazzjoni permezz ta' mekkaniżmu ta' appell/reviżjoni indipendenti);

(c) tipprovdi sistema adegwata li tinkludi lil dawk li mhumieq membri tal-IACS fil-proċess ta' elaborazzjoni tal-istandards tekniċi tal-IACS (iġifieri r-riżoluzzjonijiet tal-IACS), (inkluż it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' ilment u appell/reviżjoni indipendenti li jiżgura aċċess għall-gruppi ta' ħidma tekniċi tal-IACS);

(d) tipprovdi tixrid xieraq ta' dokumenti ta' sfond tekniku relatati mar-reżoluzzjonijiet <sup>(2)</sup> tal-IACS għal dawk li mhumieq membri tal-IACS (inkluż it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' appell/reviżjoni indipendenti li jiżgura aċċess għaldawn id-dokumenti ta' sfond tekniku).

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat, (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

<sup>(2)</sup> Matul l-investigazzjoni tal-kompetizzjoni mill-Kummissjoni, l-IACS tejbet l-aċċessibilità tal-inforamzzjoni teknika tagħha, li issa hija ppubblikata fuq il-websajt tagħhom. Madanakollu l-Kummissjoni tikkunsidra li jkun xieraq jekk din il-kwistjoni tkun indirizzata wkoll permezz ta' impjenji formali.

### 3. IL-KONTENUT PRINĊIPALI TAL-IMPENJI OFFRUTI

(4) Il-partijiet soġġetti għall-proċedimenti ma jaqblux mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni. Madankollu huma offrew li jimpjenjaw ruħhom skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 li jissodisfaw it-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni.

(5) Verżjoni mqassra tal-impjenji tinsab aktar 'l isfel filwaqt li l-verżjoni sħiħa tal-impjenji hija ppubblikata bl-Ingliż fuq il-websajt tad-Direttorat-Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Kompetizzjoni, fuq:

[http://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/index/by\\_nr\\_78.html#i39\\_416](http://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/index/by_nr_78.html#i39_416)

(6) L-IACS tipproponi li dawn l-impjenji għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' ħames snin mid-data effettiva jiġifieri mid-data ta' notifika tad-deċiżjoni taħt l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 li permezz tiegħu l-Kummissjoni torbot lill-IACS b'dawn l-impjenji. L-elementi prinċipali tal-impjenji huma dawn li ġejjin:

#### 3.1. Kriterji ta' Sħubija

(7) L-IACS se tistabbilixxi klassi waħda ta' sħubija tal-IACS.

(8) L-IACS se taddotta, skont il-linji ta' gwida u proċeduri ppubblikati, l-oġġettivi li ġejjin, kriterji applikabbli ta' sħubija kwalitattivi trasparenti u mhux diskriminatorji u mfassla biex jiġu applikati b'mod uniformi għal applikazzjonijiet għal sħubija u għal sħubija kontinwa tal-IACS:

(a) Kapaċità ppruvata biex tiżviluppa, tapplika, iżżomm, taġġorna b'mod regolari u tippubblika sett ta' regoli klassifikati tagħha stess bil-lingwa Ingliża li jkopri l-aspetti kollha fil-proċess tal-klassifikazzjoni tal-bastimenti (valutazzjoni tad-disinn, studju ta' bini, u studju perijodiku ta' bastimenti waqt it-tħaddim);

(b) Kapaċità ppruvata li tippovdi studji ta' bastimenti li jkunu qegħdin jinbnew skont is-Soċjetajiet ta' Klassifikazzjoni (minn hawnhekk 'il quddiem imsejħa "SK") regoli u sħarriġ perijodiku ta' bastimenti waqt it-tħaddim, inkluż ispezizzjonijiet statutorji skont l-IMO u r-reqwiziti tal-Istat tal-bandiera;

(c) Kopertura internazzjonali suffiċenti minn stħarriġ esklussiv relattiv għad-daqs tal-programm ta' konstruzzjoni tas-SK u flotta klassifika ffazi ta' konstruzzjoni;

(d) Esperjenza estensiva dokumentata fil-valutazzjoni tad-disinn u l-bini ta' bastimenti;

(e) Persunal intern sinifikanti maniġerjali, tekniku, ta' appoġġ u riċerka proporzjonat għad-daqs tal-flotta klassifikata tas-SK u l-involvement tiegħu fil-klassifikazzjoni tal-bastimenti ffazi ta' konstruzzjoni;

(f) Abilità teknika biex tikkontribwixxi mal-persunal tagħha stess għax-xogħol tal-IACS fl-iżvilupp ta' regoli minimi u reqwiziti għat-titjib tas-sigurtà marittima;

(g) Kontribuzzjoni fuq bażi kontinwa bil-persunal tagħha stess għax-xogħol tal-IACS kif spjegat f'(f) hawn fuq;

(h) Żamma f'forma elettronika u aġġornament mill-inqas ta' kull sena ta' reġistru tal-bastimenti klassifikati fil-lingwa Ingliża;

(i) Indipendenza minn pussess ta' bastimenti, bini ta' bastimenti u interessi kummerċjali oħra li jistgħu jxekklu l-imparzjalità tas-SK;

(j) Kompliċità mal-iskema tas-Sistema tal-IACS dwar iċ-Ċertifikazzjoni tal-Kwalità (QSCS);

(9) Applikant li jissodisfa l-Kriterji apparti (g) għandu jiġu ammess bħala membru tal-IACS imma m' għandux ikollu drittijiet tal-vot fil-Kunsill tal-IACS jew f'xi korp ieħor tal-IACS. Kriterju (g) għandu jiġi vvalutat tul l-ewwel tlett snin ta' sħubija u mal-konformità sodisfaċenti ma' dan ir-reqwizit fl-aħħar tal-perjodu, il-membri tal-IACS awtomatikament igawdi d-drittijiet kollha tal-vot.

(10) L-IACS se twettaq valutazzjonijiet tal-membri tal-IACS biex tivverifika l-konformità tagħhom mal-kriterji tas-sħubija. L-IACS tissospendi jew tirtira sħubija ta' IACS, skont kif xieraq, ta' SK li jonqsu milli jissodisfaw il-kriterji ta' sħubija meħtieġa.

(11) Id-deċiżjonijiet kollha rigward adegżjoni għal, sospensjoni jew irtirar tas-sħubija ta' IACS ikunu soġġetti għad-dritt ta' appell lill-Bord Indipendenti tal-Appell.

#### 3.2. Indipendenza u disponibilità tal-QSCS għal dawk li mhux IACS SK

(12) L-IACS se tintroduċi sistema li permezz tagħha revizzjonijiet u valutazzjonijiet ta' konformità mal-QSCS tagħha għandhom jitwettqu minn Korpi ta' Ċertifikazzjoni Akkreditati (KCA) indipendenti esterni. Barra minn hekk, l-IACS se timmodifika l-QSCS biex ir-reqwiziti inklużi fiha jkunu jistgħu jkunu applikabbli b'mod ugwali għall-membri tal-IACS u dawk li mhumiex membri (inkluż dawk li mhumiex applikanti) minn KCA indipendenti, mingħajr l-involvement tal-Kunsilli tal-IACS.

### 3.3. Parteċipazzjoni ta' dawk li mhumiex membri tal-IACS fix-xogħol tekniku tal-IACS

- (13) L-IACS se tistabbilixxi u żżomm Forum ta' Kontribuzzjonijiet Tekniċi online, ibbażat fuq abbonament ("IACS Forum ta' KT") fuq il-websajt li tipprovdi lil kwalunkwe SK interessata pjattaforma fejn tippubblika kummenti u diskussjonijiet ma' SK oħra (inkluż kemm membri tal-IACS u dawk mhux membri tal-IACS SK) fir-rigward ta' programmi ta' xogħol tekniċi tal-IACS. L-IACS se tintroduċi mekkaniżmu ta' appell għall-Bord Indipendenti tal-Appell għal partijiet interessati li ma ngħatalhomx aċċess għall-Forum ta' Kontribuzzjonijiet Tekniċi tal-IACS fuq il-bażi li mhumiex SK.
- (14) Kull SK li mhix membru tal-IACS li hija rreġistrata fuq il-Forum ta' Kontribuzzjonijiet Tekniċi tal-IACS tista' tipparteċipa bl-impjegati tagħha stess fi gruppi ta' ħidma (WG) fl-IACS. Parteċipant ta' grupp ta' xogħol li mhux membru tal-IACS għandu ikollu aċċess sħiħ għall-istess informazzjoni, l-istess opportunitajiet biex jagħti l-opinjoni tiegħu u biex jikkontribwixxi mad-diskussjonijiet fi ħdan il-grupp ta' xogħol bħal kull membru ieħor tal-IACS f'dak il-grupp ta' xogħol fuq bażi mhux diskriminatorja imma ma jkollux drittijiet għall-vot. L-IACS se tintroduċi mekkaniżmu għall/tal-ilmenti u mekkaniżmu ta' appell lill-Bord Indipendenti tal-Appell għal kwalunkwe SK li tikkunsidra li kienet mċaħħda l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħha għall-informazzjoni u parteċipazzjoni fxi WG tal-IACS. Iċ-Chairman ta' WG għandu jagħti fil-qosor l-opinjoni kollha espressi mill-partiċipanti tal-WG fir-rakkomandazzjoni teknika li l-membri tal-IACS fi ħdan l-WG jistgħu jiddeċiedu li jpoġġu lill-Grupp għall-Politika Ġenerali (GPG) tal-IACS/il-Kunsill tal-IACS għal addozzjoni mill-IACS.

### 3.4. Aċċess minn dawk li mhumiex membri tal-IACS għar-riżoluzzjonijiet tal-IACS u dokumenti ta' sfond tekniku

- (15) L-IACS se tpoġġi fid-dominju pubbliku, fl-istess ħin u bl-istess mod kif inhuma magħmula disponibbli għall-membri tal-IACS, il-verżjonijiet kurrenti u futuri kollha ta' riżoluzzjonijiet tal-IACS kif ukoll fajl tal-istorja li jkun fih il-punti ewlenin tad-diskussjoni u kwalunkwe dokument ta' sfond tekniku.
- (16) L-IACS se tinkludi stqarrija fuq il-websajt tagħha li dawk li mhumiex membri tal-IACS CS jistgħu jużaw tali materjal, ħieles mir-royalties u mingħajr liċenzja billi tintegrah fir-regoli ta' klassifikazzjoni tagħhom stess, minkejja kwalunkwe drittijiet ta' propjetà intellettuali li jistgħu jinżammu minn membri tal-IACS.

- (17) L-IACS m'għandix tagħmel restrizzjonijiet fuq il-libertà individwali tal-membri tagħha biex jidħlu fi kwalunkwe ftehim ma' kwalunkwe SK fir-rigward tal-forniment ta' informazzjoni ulterjuri jew assistenza fir-rigward tal-applikazzjoni ta' riżoluzzjonijiet tal-IACS.
- (18) Deċiżjoni (kemm espliċita kif ukoll impliċita) li ma tiġix ippubblikata riżoluzzjoni tal-IACS jew dokument ta' sfond tekniku li hu għad-dispożizzjoni tal-membri tal-IACS għandha tiġi appellabbli għall-Bord Indipendenti tal-Appell.
- (19) L-IACS se toħroġ għall-pubbliku, mingħajr ħlas, database li ssegwi Regoli Strutturali Komuni (RSK) biex tipprovdi lill-utenti database ta' ftittixja rigward reviżjoni tal-istorja tar-RSK b'materjali anċillari.

## 4. STEDINA BIEK JITRESSQU KUMMENTI

- (20) Il-Kummissjoni biħsiebha, soġġetta għar-riżultati ta' dan it-test tas-suq, tadotta deċiżjoni taħt l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 li tiddikkjara l-impenji miġbura fil-qosor hawn fuq u ppubblikati fuq l-Internet (fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Kompetizzjoni, ara fuq).
- (21) Skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-impenji proposti. Dawn l-osservazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn xahar wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-partijiet terzi interessati huma wkoll mitluba li jissottomettu verżjoni mhux kunfidenzjali tal-kummenti tagħhom, fejn għandhom jitħassru s-sigrieti kummerċjali u siltiet kunfidenzjali oħrajn u jiġu ssostitwiti kif meħtieġ b'sommarju mhux kunfidenzjali jew bil-kliem "sigrieti kummerċjali" jew "kunfidenzjali". Talbiet leġittimati ser ikunu rispettati.
- (22) L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lil Kummissjoni taħt in-numru ta' riferiment Każ 39.416 – Klassifikazzjoni tal-Bastimenti, jew bil-posta elettronika (COMP-GREFFE-ANTITRUST@ec.europa.eu), jew b'faks (+32 2 2950128) jew bil-posta f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Antitrust  
1049 Brussell  
BELGIQUE/BELGIË